Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Numru. 261/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**v**

**Ruth Formosa ta’ 18-il sena mwielda Pieta’ nhar it-3 ta’ Dicembru, 1985 bint John u Carol Pace residenti gewwa Villa Tramontana, Dahlet il-Gibjun,**
**San Pawl tat-Targa jew Ruskin Flat 7, Main Street, Sliema detentur tla-karta ta’ l-identita’ bin-numru 3586 (M)**

Il-Qorti

Rat  l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Ruth Formosa li giet akkuzata talli f'dawn il-gzejjer u cioe nhar it-13 ta' marzu, 2004 u fil-gimghat u xhur ta' qabel kellha fil-pussess taghha ir-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis jew xi preparazzjonijiet li kollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artiklu 8(a) u (d)  tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar it-13 ta' Marzu, 2004 ghall-habta tas-2.00 a.m. minn gewwa waqt li kienet gewwa l-istabiliment Sinners in Heaven fi Triq San Gorg, Paceville San Giljan ikkommetta serq ta' handbag u accessorji ohra a detriment ta' Ritienne Peregin miz-Zejtun liema serq huwa aggravat bil-hin u bl-ammont u dan ai terminu tal-artikolu 261, 267 u 270 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kwza tigi trattata bi proceduri sommarja. U dan fil-konfront tar-reati addebitati taht il-Kap 9. Rat li l-akkuzata in kwantu ghal tali kunsens ma kellha ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll l-ordni mahruga mill-Avukat Generali taht il-Kap 101 biex din il-kawza tigi deciza mill-Qorti kif komposta.

Rat li l-akkuzata fi stadju ta' interrogatorju irregistrat li kienet qed tammetti ghall-akkuzi dedotti pero' bi kwalifika fir-rigward ta' l-akkuza ta' serq in kwantu hi ma kellha ebda amment li hadet il-handbag minhabba l-kundizzjoni mentali taghha ma kinitx tippermettilha li tiftakar.

Rat ukoll il-pre-sentencing report minnha ordnat u r-rakkomandazzjoni tal-Ufficcjal tal-Probation.

Rat l-istqarrija ta' l-istess Formosa li tindika li l-istess ghandha kemm problemi familjari, socjali in kwantu anke taghmel uzu minn sustanzi ta' droga.

Illi nkwantu dak premess il-Qorti tabel ghal kollox mar-rakomandazzjoni tal-Ufficcjal tal-Pobation dwar il-piena li ghandha tigi nflitta u ghaldaqstant wara li rat l-artikoli  261, 267, 270, 278, 281, tal-Kap 9, l-artikolu 8 u 22(1)(ii)(b)

Kap 101  u l-artikolu 17 tal-kap 9, rat il-fedina penali taghha li hija ghal kollox netta. Rat l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u qeghda tqeghda taht ordni ta' sorveljanza ta' Ufficjal ta' Probation ghal tliet snin mil-lum bil-kundizzjonijiet hawn taht ordnati.

Illi din l-ordni ta' sorveljanza ghandha terminu ta' tliet snin mil-llum.

Illi Ruth Formosa ghandha tobdi dawk l-ordnijiet u direttivi kollha lilha moghtija mill-ufficjal sorveljanti.

Illi Ruth Formosa ghandha taht il-gwida u direttivi tal-ufficjal tal-probation issegwi u zzomm skond il-bzonn meqjus mehtieg kwalunkwe kuntatti u direttivi lilha moghtija mill-agenzija Caritas.

Illi Ruth Formosa ghandha zzomm lill-Ufficcjal tal-Probation informat bl-indirizz tar-residenza taghha f'kull zmien matul din l-ordni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------